



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2012/0169(COD)

15.5.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti bit-tagħrif ewlieni għall-prodotti ta' investiment
(COM(2012)0352 – C7-0179/2012 – 2012/0169(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Pier Antonio Panzeri

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-investituri fil-livell ta' konsumatur qegħdin dejjem iżjed jiġu offruti varjetà wiesgħa ta' tipi differenti ta' prodotti ta' investment meta jikkunsidraw jaġmlu investment. Dawn il-prodotti spiss jipprovdu soluzzjonijiet speċifiċi ta' investment imfassla skont il-ħtiġijiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur, iżda spiss ikunu kumplessi u diffiċli biex jinftiehm. Id-divulgazzjonijiet eżistenti għall-investituri f'dawn il-prodotti ta' investment mhumieħ koordinati u spiss jonqsu milli jgħinu lill-investituri fil-livell ta' konsumatur jipparagunaw bejn il-prodotti differenti, u jifhmu l-karatteristiċi tagħhom. B'konsegwenza ta' dan, l-investituri fil-livell ta' konsumatur spiss għamlu investmenti bla ma fehmu bis-sħiħ ir-riskji u l-ispejjeż tagħhom, u għalhekk f'xi okkażjonijiet sofrew telf mhux previst.

Il-Kummissjoni għalhekk hi korretta meta tasserixxi li hu neċessarju li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar it-trasparenza fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-parteċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investment sabiex jiġu evitati d-diverġenzi. Jinħtieġ Regolament biex jiżgura li jiġi stabbilit standard komuni għad-dokumenti bit-tagħrif ewlieni b'mod uniformi li jkun kapaċi jarmonizza l-format u l-kontenut ta' dawn id-dokumenti. Ir-regoli ta' Regolament japplikaw direttament u għalhekk għandhom jiżguraw li l-parteċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investment ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti. Dan għandu jiżgura wkoll divulgazzjonijiet uniformi billi jipprevjenu li jkun hemm rekwiżiti nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' Direttiva. L-użu ta' Regolament huwa xieraq ukoll biex jiżgura li dawk kollha li jbiegħu l-prodotti ta' investment ikunu soġġetti għar-rekwiżiti uniformi fir-rigward tal-għoti tad-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Minn punto di vista ta' protezzjoni tal-konsumaturi, għandu l-ewwel nett jiġi nnutat li għal ħafna nies il-prodotti tal-investment huma kkomplicati ħafna u għalhekk dawn in-nies jimmeritaw il-protezzjoni. Normalment iċ-ċittadini huma konxji tal-implikazzjonijiet tat-tranżazzjoni, ifittxu li jiksbu l-informazzjoni u li jieħdu parir.

L-opportunitajiet li l-konsumaturi jkunu jistgħu jaġixxu skont is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom, permezz ta' kundizzjonijiet kuntrattwali individwali ma' min joħroġ il-fond tal-investment, possibbilment anki bl-għajjnuna ta' parir imparzjali, m'għandhomx jiġu ristretti b'regolazzjoni eċċessiva fil-livell Ewropew, speċjalment ladarba l-effetti transkonfinali huma limitati.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar it-trasparenza fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-parteciċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investiment sabiex jiġu evitati d-diverġenzi. Regolament huwa meħtieġ biex jiżgura li jiġi stabbilit standard komuni għad-dokumenti bit-tagħrif ewlieni b' mod uniformi li jkun kapaċi jarmonizza l-format u l-kontenut ta' dawn id-dokumenti. Ir-regoli ta' Regolament japplikaw direttament għalhekk għandhom jiżguraw li l-parteciċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investiment ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti. Dan għandu jiżgura wkoll divulgazzjonijiet uniformi billi jipprevjeni rekwiżiti nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' Direttiva. L-użu ta' Regolament huwa xieraq ukoll biex jiżgura li dawk kollha li ***jbiegħu l-prodotti*** ta' investiment ikunu soġġetti għar-rekwiżiti uniformi fir-rigward tal-għoti tad-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-prodotti ta' investiment tkun preċiża, ġusta, ċara u ma tiżgwidax lil dawk l-investituri. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi standards

Emenda

(4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar it-trasparenza fil-livell tal-Unjoni li japplikaw għall-parteciċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investiment sabiex jiġu evitati d-diverġenzi. Regolament huwa meħtieġ biex jiżgura li jiġi stabbilit standard komuni għad-dokumenti bit-tagħrif ewlieni b' mod uniformi li jkun kapaċi jarmonizza l-format u l-kontenut ta' dawn id-dokumenti. Ir-regoli ta' Regolament japplikaw direttament għalhekk għandhom jiżguraw li l-parteciċipanti kollha fis-suq tal-prodotti ta' investiment ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti. Dan għandu jiżgura wkoll divulgazzjonijiet uniformi billi jipprevjeni rekwiżiti nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' Direttiva. L-użu ta' Regolament huwa xieraq ukoll biex jiżgura li dawk kollha li ***jagħtu pariri dwar il-prodotti*** ta' investiment ***jew ibigħu hom*** ikunu soġġetti għar-rekwiżiti uniformi fir-rigward tal-għoti tad-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Emenda

(10) Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-prodotti ta' investiment tkun preċiża, ġusta, ċara u ma tiżgwidax lil dawk l-investituri. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi standards

komuni għall-abbozzar tad-dokument bit-tagħrif ewlieni, sabiex jiżgura li dan ikun jinftiehem mill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Minħabba d-diffikultajiet li ħafna mill-investituri mhux professjonisti jkollhom biex jifhmu t-terminoloġija finanzjarja speċjalizzata, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-vokabolarju u l-istil tal-kitba użati fid-dokument.

Għandhom jiġu stabbiliti wkoll regoli dwar il-lingwa li biha għandu jitfassal id-dokument. Barra minn hekk, l-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom ikunu jistgħu jifhmu d-dokument bit-tagħrif ewlieni fih innifsu mingħajr ma jirreferu għal informazzjoni oħra.

komuni għall-abbozzar tad-dokument bit-tagħrif ewlieni, sabiex jiżgura li dan ikun jinftiehem mill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Minħabba d-diffikultajiet li ħafna mill-investituri mhux professjonisti jkollhom biex jifhmu t-terminoloġija finanzjarja speċjalizzata, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-vokabolarju u l-istil tal-kitba użati fid-dokument.

Għandhom jiġu stabbiliti wkoll regoli dwar il-lingwa li biha għandu jitfassal id-dokument. Barra minn hekk, l-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom ikunu jistgħu jifhmu d-dokument bit-tagħrif ewlieni fih innifsu mingħajr ma jirreferu għal informazzjoni oħra. ***Għandha tiġi enfasizzata wkoll l-importanza tad-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, sabiex ir-regolament ikollu effett. Madankollu, dan m'għandux jipprekludi l-użu ta' kontroreferenzi fi ħdan id-dokument bit-tagħrif ewlieni ma' dokumenti oħra meta informazzjoni addizzjonali tista' tinstab li tista' tkun ta' interess għal xi investituri fil-livell ta' konsumatur.***

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jitfassal f'format li jippermetti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur jipparagunaw il-prodotti ta' investiment differenti, peress li l-imġiba u l-kapaċitajiet tal-konsumatur huma tali li l-format, il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni jridu jiġu kkalibrati bir-reqqa sabiex jiġi mmassimizzat il-fehim u l-użu tal-informazzjoni. Għandha tiġi segwita l-istess ordni fl-elementi ta' informazzjoni u fl-intestaturi ta' dawn l-elementi f'kull dokument. Barra minn

Emenda

(12) Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jitfassal f'format li jippermetti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, ***qabel ma jieħdu deċiżjoni ta' investiment, li ġenwinament*** jipparagunaw il-prodotti ta' investiment differenti, peress li l-imġiba u l-kapaċitajiet tal-konsumatur huma tali li l-format, il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni jridu jiġu kkalibrati bir-reqqa sabiex jiġi mmassimizzat il-fehim u l-użu tal-informazzjoni. Għandha tiġi segwita l-istess ordni fl-elementi ta' informazzjoni u fl-intestaturi ta' dawn l-

hekk, id-dettalji tal-informazzjoni li għandhom jiġu inklużi fid-dokument bit-tagħrif ewlieni għall-prodotti differenti u l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni għandhom jiġu armonizzati iżjed permezz tal-atti delegati li jqisu r-riċerka eżistenti u kontinwa dwar l-imġiba tal-konsumaturi, inkluż ir-riżultati tal-ittestjar tal-effikaċja ta' modi differenti ta' kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni lill-konsumaturi. Barra minn dan, xi prodotti ta' investiment jagħtu għażla lill-investitur fil-livell ta' konsumatur bejn għadd ta' investimenti sottostanti. Dawk il-prodotti għandhom jitqiesu meta jitfassal il-format.

elementi f'kull dokument. Barra minn hekk, id-dettalji tal-informazzjoni li għandhom jiġu inklużi fid-dokument bit-tagħrif ewlieni għall-prodotti differenti u l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni għandhom jiġu armonizzati iżjed permezz tal-atti delegati li jqisu r-riċerka eżistenti u kontinwa dwar l-imġiba tal-konsumaturi, inkluż ir-riżultati tal-ittestjar tal-effikaċja ta' modi differenti ta' kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni lill-konsumaturi. ***Tali atti delegati għandhom jinkludu standards rilevanti mhejjjin mill-ASE. B'mod partikolari, meta jitħejjew l-istandards marbutin mal-profil tar-riskji u l-gwadanji, għandha tkun ivvalutata sistema ta' twissija viżiva msejsa fuq skala ta' riskju.*** Barra minn dan, xi prodotti ta' investiment jagħtu għażla lill-investitur fil-livell ta' konsumatur bejn għadd ta' investimenti sottostanti. Dawk il-prodotti għandhom jitqiesu meta jitfassal il-format.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Id-dokumenti bit-tagħrif ewlieni huma s-sies tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment minn investituri fil-livell ta' konsumatur. Għal din ir-raġuni, il-manufatturi ta' prodotti ta' investiment għandhom responsabbiltà importanti, lejn l-investituri fil-livell ta' konsumatur, li jikkonformaw mar-regoli ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-investituri fil-livell ta' konsumatur li ddipendew fuq dokument bit-tagħrif ewlieni għad-deċiżjonijiet dwar l-investiment tagħhom ikollhom drittijiet effettivi ta' rimedju. Għandu wkoll jiġi żgurat li l-investituri kollha fil-livell ta' konsumatur fl-Unjoni jkollhom l-istess dritt ifittxu kumpens għad-danni li jistgħu jsofru minħabba

Emenda

(16) Id-dokumenti bit-tagħrif ewlieni huma s-sies tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment minn investituri fil-livell ta' konsumatur. Għal din ir-raġuni, il-manufatturi ta' prodotti ta' investiment għandhom responsabbiltà importanti, lejn l-investituri fil-livell ta' konsumatur, li jikkonformaw mar-regoli ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-investituri fil-livell ta' konsumatur li ddipendew fuq dokument bit-tagħrif ewlieni għad-deċiżjonijiet dwar l-investiment tagħhom ikollhom drittijiet effettivi ta' rimedju. Għandu wkoll jiġi żgurat li l-investituri kollha fil-livell ta' konsumatur fl-Unjoni jkollhom l-istess dritt ifittxu kumpens għad-danni li jistgħu jsofru minħabba

nuqqasijiet fil-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament min-naħa tal-manifatturi ta' prodotti ta' investment. Għalhekk ir-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-manifatturi ta' prodotti ta' investment għandhom jiġu armonizzati. ***Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi li l-investituri fil-livell ta' konsumatur ikunu jistgħu jżommu lill-manufattur ta' prodott responsabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament f'każ ta' telf ikkawżat minħabba l-użu tad-dokument bit-tagħrif ewlieni.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata dwar l-investment, il-persuni li jbiegħu l-prodotti ta' investment għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu d-dokument bit-tagħrif ewlieni f'biżżejjed żmien qabel ma tiġi konkluża kwalunkwe tranżazzjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika b'mod ġenerali irrispettivament minn fejn jew kif isseħħ it-tranżazzjoni. Il-persuni li jbiegħu jinkludu kemm id-distributori kif ukoll il-manifatturi tal-prodott ta' investment infushom fejn dawn jagħżlu li jbiegħu l-prodott b'mod dirett lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà meħtieġa u l-proporzjonalità, l-investituri fil-livell ta' konsumatur li jixtiequ jikkonkludu tranżazzjoni bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni b'distanza għandhom ikunu jistgħu jirċievu d-dokument bit-tagħrif ewlieni wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni. ***Anke f'dan il-każ, id-dokument bit-tagħrif ewlieni jkun utli għall-investitur, pereżempju biex l-investitur ikun jista' jipparaguna l-prodott***

nuqqasijiet fil-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament min-naħa tal-manifatturi ta' prodotti ta' investment, ***basta jkun determinat ness kawżali.*** Għalhekk ir-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-manifatturi ta' prodotti ta' investment għandhom jiġu armonizzati.

Emenda

(19) Sabiex l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata dwar l-investment, il-persuni li jbiegħu l-prodotti ta' investment għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu d-dokument bit-tagħrif ewlieni f'biżżejjed żmien qabel ma tiġi konkluża kwalunkwe tranżazzjoni. Dan ir-rekwiżit għandu japplika b'mod ġenerali irrispettivament minn fejn jew kif isseħħ it-tranżazzjoni. Il-persuni li jbiegħu jinkludu kemm id-distributori kif ukoll il-manifatturi tal-prodott ta' investment infushom fejn dawn jagħżlu li jbiegħu l-prodott b'mod dirett lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà meħtieġa u l-proporzjonalità, l-investituri fil-livell ta' konsumatur li jixtiequ jikkonkludu tranżazzjoni bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni b'distanza għandhom ikunu jistgħu jirċievu d-dokument bit-tagħrif ewlieni wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni ***sakemm*** id-dokument bit-tagħrif ewlieni ***jkun ingħata fuq mezz durabbli ieħor qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni.*** Dan ir-Regolament huwa

mixtri ma' dak deskritt fid-dokument bit-tagħrif ewlieni. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri fil-livell ta' konsumatur fil-prodotti ta' investiment, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti għal proċeduri interni xierqa li jiżguraw li l-investituri fil-livell ta' konsumatur jirċievu tweġiba sostantiva mingħand il-manifattur tal-prodott ta' investiment għall-ilmenti tagħhom.

Emenda

(21) Sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri fil-livell ta' konsumatur fil-prodotti ta' investiment, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti għal proċeduri interni xierqa li jiżguraw li l-investituri fil-livell ta' konsumatur jirċievu tweġiba sostantiva mingħand il-manifattur tal-prodott ta' investiment għall-ilmenti tagħhom, ***u din għandha tingħata f'perijodu ta' żmien raġonevoli u bil-miktub. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lill-investituri fil-livell ta' konsumatur bl-istess lingwa li biha jkun inkiteb l-ilment.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) L-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom ikunu debitament infurmati dwar l-entitajiet għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim li huma koperti minnhom u li huma kompetenti li jitrattaw tilwim potenzjali bejniethom stess u l-investitur fil-livell ta' konsumatur.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi dwar il-format u l-kontenut tad-dokument bit-tagħrif ewlieni li għandu jittfassal mill-manifatturi tal-prodott ta' investiment u regoli uniformi dwar l-għoti ta' dan id-dokument lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi dwar il-format u l-kontenut tad-dokument bit-tagħrif ewlieni li għandu jittfassal mill-manifatturi tal-prodott ta' investiment **u l-intermedjarji** u regoli uniformi dwar l-għoti ta' dan id-dokument lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Ġustifikazzjoni

L-intermedjarji għandhom ikunu obligati jipprovdu informazzjoni, pereżempju dwar l-ispejjeż reali, ir-remunerazzjoni tagħhom jew ir-reġim fiskali tal-prodotti ta' investiment. It-tagħrif kollu meħtieġ għalbiex tittieħed deċiżjoni informata dwar l-investiment fi prodott għandu jkun aċċessibbli permezz ta' dokument wieħed biss. Il-konsumatur ma għandux ikun obligat jikkonsulta l-KID u dokument ieħor biex ikun żvelat it-tagħrif kif jiddisponu l-MiFID jew id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni ta' l-Assigurazzjoni (IMD).

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 2 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) prodotti tal-assigurazzjoni li ma joffrux valur ta' ċediment jew fejn dak il-valur ta' ċediment ma jkunx totalment jew parzjalment skopert, b'mod dirett jew indirett, għall-varjazzjonijiet fis-sug;

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandux ikun ristrett għal investimenti 'impakkettati' jew investiment b'ritorn (parzjalment) skonoxxut. Il-prodotti kollha tat-tifdil jew ta' investiment għandhom mingħajr eċċezzjoni jkollhom KID disponibbli għall-konsumaturi. Din hi kondizzjoni ta' importanza ċentrali biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiksbu r-rifless li dejjem jikkonsultaw il-KID indipendentement mill-prodotti ta' tifdil jew investiment li jkunu qed jiġu proposti lilhom.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) prodotti tal-pensjonijiet li *skont il-liġi nazzjonali jkunu jeħtieġu kontribuzzjoni finanzjarja mill-impjegatur u fejn l-impjegat ma jkollux għażla fir-rigward tal-fornitur tal-prodott tal-pensjoni.*

Emenda

(f) prodotti tal-pensjonijiet li *għalihom l-arranġamenti finanzjarji ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE jew tad-Direttiva 2009/138/KE; u li għalihom il-livell ta' provvediment għall-irtirar huwa fil-fatt wegħda jew offerta mill-impjegatur lill-impjegat. Għall-prodotti ta' pensjoni li ma jaqgħux taħt id-Direttiva 2003/41/KE jew id-Direttiva 2009/138/KE jew taħt dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rekwiżiti ta' divulgazzjoni ekwivalenti.*

Ġustifikazzjoni

F'ħafna Stati Membri, hemm tipi differenti ta' arranġamenti tal-pensjoni li la huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IORP u lanqas tal-privat. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, xi wħud minn dawn l-iskemi jkunu eżentati minħabba fl-Artikolu 2(f), għalhekk ma jkunu soġġetti għal ebda rekwiżit ta' divulgazzjoni fil-livell tal-UE, iżda, skemi simili oħrajn ma jkunux eżentati minħabba li l-impjegatur ma jkunx meħtieġ mil-liġi nazzjonali li jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji. Huwa importanti li tiġi evitata l-inkonsistenza fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-manifatturi tal-prodott ta' investiment soġġetti għal dan ir-Regolament huma wkoll soġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2009/138/KE għandhom japplikaw it-tnejn.

Emenda

Fejn il-manifatturi tal-prodott ta' investiment soġġetti għal dan ir-Regolament huma wkoll soġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2009/138/KE għandhom japplikaw it-tnejn. *Fejn ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE u ta' dan ir-Regolament huma ekwivalenti, dawn għandhom jitqiesu bħala milħuqa jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-*

Regolament.

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi evitata d-dupplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 4 - punt f a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) "il-bejgieh" tfisser il-persuna li qed tagħti parir dwar prodott ta' investiment lil investitur fil-livell ta' konsumatur jew li qed taġixxi bħala intermedjarju għal investiment minn investitur fil-livell ta' konsumatur.

Ġustifikazzjoni

Il-bejgieh tal-prodotti ta' investiment mhux definit mir-Regolament propost. Il-bejgħ huwa kunċett strett wisq billi xi intermedjarji ma 'jbigħux' il-prodott ta' investiment imma joħolqu l-kuntatt bejn il-konsumatur u l-manifattur (eż. impriża tal-assikurazzjoni).

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) konsumaturi *fis-sens* tad-Direttiva 2002/92/KE;

(ii) konsumaturi ***li mhumiex konsumaturi professjonali kif definit fl-[Artikoli rilevanti tal-IMD] [...]***tad-Direttiva 2002/92/KE;

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-manifattur tal-prodott ta' investiment għandu jfassal dokument bit-tagħrif ewlieni skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għal kull prodott ta' investiment li jipproduċi u għandu jippubblika d-dokument fuq il-websajt ***tal-għażla tiegħu*** qabel il-prodott ta' investiment ikun jista' jinbiegħ lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Emenda

1. Il-manifattur tal-prodott ta' investiment għandu jfassal dokument bit-tagħrif ewlieni skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għal kull prodott ta' investiment li jipproduċi u għandu jippubblika d-dokument ***fimkien mal-prospectus meta jkun ġie ppubblikat prospectus u mill-anqas*** fuq il-websajt qabel il-prodott ta' investiment ikun jista' jinbiegħ lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. ***Id-dokument bit-tagħrif ewlieni jkun mitmum mid-distributur fejn dan ikun relevanti.***

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur iqis li kulfejn ikun ġie ppubblikat il-prospectus u jkun aċċessibbli għall-investituri fil-livell ta' konsumatur, il-KID – tal-anqas il-parti tiegħu magħmula mill-manifattur – għandu wkoll ikun disponibbli fl-istess lok. U jkun preferibbli jekk il-KIDs kollha jkunu faċilment aċċessibbli fuq websajt uffċjali tal-awtorità ta' kontroll.

Ir-Rapporteur jagħti s-sostenn tiegħu għad-dmir ġenerali tal-manifattur li jfassal KID. B'danakollu, it-tagħrif tal-manifattur għandu jkun ikkompletat b'tagħrif miżjud mid-distributur.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni ***għandu jkun*** preċiż, ġust, ċar u ma jiżgwidax.

Emenda

1. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni ***jkkostitwixxi tagħrif prekuntrattwali. Ikun*** preċiż, ġust, ċar u ma jiżgwidax. ***Id-dokument jagħmel possibbli t-tqabbil ta' prodotti qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' investiment***

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jkun dokument waħdu, separat b’mod ċar mill-materjali tal-kummerċjalizzazzjoni.

Emenda

2. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jkun dokument waħdu, separat b’mod ċar mill-materjali tal-kummerċjalizzazzjoni **u ma jkunx fih xi materjal ta’ kummerċjalizzazzjoni jew xi rakkomandazzjoni biex wieħed jinvesti.**

Huma permessi kontroriferenzi ma’ dokumenti oħra. It-tagħrif li jkun kontroriferit jkun biss tagħrif li jkun addizzjonali għat-tagħrif rikjest li jkun inkluż fid-dokument ta’ tagħrif ewlieni skont dan ir-Regolament, u jikkonforma mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 8 u ma jkunx fih reklamar, kummerċjalizzazzjoni jew rakkomandazzjoni favur l-investment f’xi prodott.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni **għandu** jiffassal bħala dokument qasir li jkun:

Emenda

3. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni jiffassal bħala dokument qasir, **miktub fil-qosor u b’mod konċiż, u li ma jkunx fih aktar minn 3 paġni ta’ folja daqs A4**, li jkun:

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jinkiteb ***bil-lingwa*** uffiċjali, jew ***b’waħda mil-lingwi*** uffiċjali tal-Istat Membru fejn

Emenda

Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jinkiteb ***bil-lingwi*** uffiċjali, jew ***bil-lingwa*** uffiċjali ***użata fil-parti*** tal-Istat Membru

jinbiegħ il-prodott ta' investment, jew b'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, jew fejn ikun ġie miktub b'lingwa differenti, dan għandu jiġi tradott f'waħda minn dawn il-lingwi.

fejn ikun ***distribwit*** il-prodott ta' investment, jew b'lingwa ***oħra*** aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru ***jekk tkun użata fil-parti tal-Istat Membru fejn ikun distribwit il-prodott tal-investment***, jew fejn ikun ġie miktub b'lingwa differenti, dan għandu jiġi tradott f'waħda minn dawn il-lingwi.

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur iqis li hu fundamentali li l-KID jinftiehem mill-pubbliku li lulu jkun jindirizza l-intermedjarju. F'dan is-sens, l-Artikolu 7 kif propost jista' jkun problematiku: bħala riżultat tat-test tiegħu, il-KID jista' jkun offrut lil investitur fil-livell ta' konsumatur f'lingwa li ma tkunx mifhuma (sew) mill-konsumatur.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. 'Dan id-dokument jipprovdi tagħrif ewlieni dwar dan il-prodott ta' investment. Dan mhux materjal ta' kummerċjalizzazzjoni. L-informazzjoni hija meħtieġa bil-liġi biex tgħinek tifhem in-natura ta' dan il-prodott ta' investment u r-riskji li tinvesti fih. Nagħtuk parir taqrah ***sabiex inti tkun tista' tieħu deċiżjoni informata dwar jekk għandekx tinvesti jew le.***

Emenda

1. 'Dan id-dokument jipprovdi tagħrif ewlieni dwar dan il-prodott ta' investment. Dan mhux materjal ta' kummerċjalizzazzjoni. L-informazzjoni hija meħtieġa bil-liġi biex tgħinek tifhem in-natura ta' dan il-prodott ta' investment u r-riskji ***u l-opportunitajiet*** li tinvesti ***fih, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati miegħu, inkluż kull ħlas potenzjali li tista' tħallas lill-intermedjarji tiegħek.*** Nagħtuk parir taqrah ***ħalli jgħinek tqabbel il-prodotti differenti tal-investment. Dan id-dokument ma jirrappreżentax rakkomandazzjoni ta' xiri. Jista' jkun li tkun teħtieġ taqra dokumenti oħrajn ħalli d-deċiżjoni tiegħek dwar l-investment tkun waħda infurmata.***

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

iva) Dispożizzjoni li l-manifattur għandu b'mod trasparenti jinforma lill-klijent permezz ta' dokument annwali dwar il-prestazzjoni tal-prodott ta' investiment. Dan id-dokument għandu jinkludi d-divulgazzjoni ex post tal-prestazzjoni tal-prodott ta' investiment fis-sena li għaddiet. Barra minn hekk, din il-prestazzjoni ex post għandha tiġi pparagunata ma' prodott ta' investiment differenti bi profil tar-riskju paragonabbli. Jekk il-konsumatur ikollu fil-pussess tiegħu diversi prodotti ta' investiment ta' manifattur partikolari u li huma koperti b'dan ir-regolament, id-divulgazzjoni u l-paragun imsemmija hawn fuq għandhom jiġu applikattii għall-portafoll kollu kemm hu. Għandha tiġi żvelata wkoll kull tariffa li taffettwa r-rendiment tal-prodott ta' investiment.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tipprova trasparenza dwar il-prestazzjoni tal-prodotti ta' investiment koperti minn dan ir-regolament. Għalhekk, il-prestazzjoni ta' prodott partikolari u tal-portafoll jekk applikabbli għandha tiġi paragonata ma' prodott differenti b'riskji paragonabbli. Barra minn hekk, għandhom jiġu żvelati t-tariffi kollha li jaffettwaw ir-rendiment.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c – punt ii)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ii) jekk il-prodott ta' investiment huwiex kopert bi skema ta' kumpens jew garanzija;

ii) jekk il-prodott ta' investiment huwiex kopert bi skema ta' kumpens jew garanzija, ***bid-dettalji ta' liema riskji huma koperti mill-iskema u liema ma huwiex;***

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni mogħtija minn skema ta' kumpens jew ta' garanzija tista' tieħu għamliet differenti: l-iskema ta' kumpens ta' investitur tipproteġi lill-konsumatur kontra t-telf tal-istrument mid-ditta tal-investment, mhux kontra t-telf finanzjarju dovut għall-volatilità tal-beni sottostanti jew tal-insolvenza ta' dawk li jemettu l-beni sottostanti. Ir-Regolament għandu jkun aktar preċiż ħalli jevita kull użu ħażin ta' din id-dispożizzjoni.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) taħt it-taqsimha bit-titolu "X'inhuma r-riskji u x'nista' nieħu lura?", il-profil tar-riskji u l-benefiċċji tal-prodott ta' investment, inkluż indikatur f'għamla sommarja ta' dan il-profil ***u t-twissijiet fir-rigward ta' kwalunkwe riskju speċifiku li jista' ma jkunx rifless bis-sħiħ fl-indikatur f'għamla sommarja;***

Emenda

e) taħt it-taqsimha bit-titolu 'X'inhuma r-riskji u x'nista' nieħu lura?'

(i) Il-profil tar-riskji u tal-benefiċċji tal-prodott ta' investment, inkluż indikatur f'għamla sommarja ta' dan il-profil ***li jkun jirrifletti wkoll l-impatt tal-ispejjeż, flimkien ma' twissija u spjegazzjoni f'lingwaġġ sempliċi dwar ir-riskji ewlenin tal-prodott.***

L-indikatur f'għamla sommarja tar-riskji u l-benefiċċji jkun fih xenarji ta' prestazzjoni futura li jkunu jirriflettu l-impatt tal-ispejjeż u jsemmi tliet xenarji li hu raġonevoli li jseħħu, inkluż wieħed negattiv u ieħor pożittiv;

(ii) ***il-paragun tal-prestazzjoni probabbli tal-prodott ta' investment fil-futur, inklużi r-riskji għalih, mal-prestazzjoni ta' valur referenzjarju ħieles mir-riskji;***

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) taħt it-taqsimha bit-titolu "X'inhuma l-ispejjeż?", l-ispejjeż assoċjati mal-investment fil-prodott ta' investment, li jinkludu kemm l-ispejjeż diretti kif ukoll dawk indiretti li għandu jgħorr l-investitur, inkluż indikaturi f'għamla sommarja ta' dawn l-ispejjeż;

Emenda

(f) taħt it-taqsimha bit-titolu "X'inhuma l-ispejjeż?", l-ispejjeż assoċjati mal-investment fil-prodott ta' investment, li jinkludu kemm l-ispejjeż diretti kif ukoll dawk indiretti li għandu jgħorr l-investitur, inkluż indikaturi f'għamla sommarja ta' dawn l-ispejjeż; **u, għal raġunijiet ta' paragunabilità, it-taxxi totali u kull ħlas li jrid jitħallas mill-investitur f'livell ta' konsumatur; espress f'termini monetarji u perċentwali, li juru l-effetti tal-ispejjeż totali fuq ir-redditu mill-investment, flimkien ma' indikazzjoni dwar it-termini tal-pagament b'raba mal-ispejjeż.**

It-taqsimha tirreferi wkoll għal anness li jagħti dettalji dwar spejjeż addizzjonali imposti mid-distributur u li ma jkunux jidhru f'din it-taqsimha, inklużi ħlasijiet imħallsin lill-intermedjarju.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) taħt taqsimha bit-titolu "Hemm bżonn li nħallas taxxi?", l-indikazzjonijiet dwar ir-reġim fiskali applikabbli għall-prodott ta' investment, fejn applikabbli;

Ġustifikazzjoni

Investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom ikunu konxji mir-reġim fiskali applikabbli peress li t-taxxi jħallu impatt fuq il-qliġh li l-investitur jikseb mill-investment magħmul.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) taħt taqsima bit-titolu "X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jinx tara dan il-prodott?", kwalunkwe kundizzjoni jew restrizzjoni għax-xiri tal-prodott ta' investiment, inkluż kwalunkwe investiment minimu inizjali u/jew sussegwenti meħtieġ;

Ġustifikazzjoni

Investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom jiġu infurmati b'mod xieraq dwar kwalunkwe kundizzjonijiet assoċjati max-xiri ta' prodott ta' investiment, bħal investiment minimu meħtieġ (inizjali u sussegwenti).

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) taħt it-taqsima bit-titolu "Kif mar fil-passat?", il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-prodott ta' investiment, jekk dan huwa rilevanti skont in-natura tal-prodott u t-tul tar-rekord tal-prestazzjoni tiegħu fl-imgħoddi;

(g) taħt it-taqsima bit-titolu "Kif mar fil-passat?", il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-prodott ta' investiment, ikkomplementata minn twissija li r-redditu mgħoddi mhux garanzija tal-prestazzjoni ġejjiena; fejn il-prodott ta' investiment huwa marbut ma' valur referenzjarju, il-prestazzjoni ta' dan tal-aħħar għandha tiġi ppubblikata wkoll b'tali mod li tippermetti paragun bejn il-prestazzjoni tal-prodott ta' investiment u dak tal-valur referenzjarju, jekk dan ikun rilevanti wara li titqies in-natura tal-prodott u t-tul tat-track record tiegħu

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) fil-każ ta' prodotti tal-pensjoni, taħt taqsima bit-titolu "X'nista' nieħu meta nirtira?", projezzjonijiet tar-riżultati futuri possibbli.

Emenda

(h) fil-każ ta' prodotti tal-pensjoni, taħt taqsima bit-titolu "X'nista' nieħu meta nirtira?", projezzjonijiet tar-riżultati futuri possibbli. ***b'suddiviżjoni ċara f'varji xenarji ta' żvilupp, inkluż ix-xenarju negattiv li jaċċentwa t-telf potenzjali għall-investituri fil-livell ta' konsumatur.***

Fir-rigward ta' prodotti tal-pensjoni, l-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom ukoll ikunu informati b'mod ċar u komprensiv dwar kwalunkwe limiti għall-irtirar ta' fondi.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) taħt taqsima bit-titolu "Kif nista' nilmenta?", informazzjoni dwar kif klijent jista' jressaq lment dwar il-prodott.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-manifattur tal-prodott ta' investiment jista' jinkludi biss tagħrif ieħor fejn huwa meħtieġ għall-investitur fil-livell ta' konsumatur biex jagħmel deċiżjoni infurmata dwar l-investment fi prodott ta' investiment speċifiku.

3. Il-manifattur tal-prodott ta' investiment jista' jinkludi biss tagħrif ***oġġettiv*** ieħor fejn huwa meħtieġ għall-investitur fil-livell ta' konsumatur biex jagħmel deċiżjoni infurmata dwar l-investment fi prodott ta' investiment speċifiku.

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament dwar l-atti ddelegati fl-Artikolu 8(5) jista' joħloq problemi f'termini ta' konformità mal-liġijiet kostituzzjonali ta' xi Stati Membri. It-tħassib huwa dwar l-Artikolu 8(3), fejn jista' jiġi inkluż "tagħrif ieħor". Peress li teżisti l-possibbiltà li jiġi inkluż "tagħrif ieħor", dan huwa assoċjat mar-riskju li tagħrif li jista' jwassal għal deċiżjonijiet ta' investiment se jiġi rregolat f'atti ddelegati.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta **atti ddelegati** skont l-Artikolu 23 li jispeċifikaw id-dettalji dwar il-preżentazzjoni u l-kontenut ta' kull wieħed mill-elementi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-preżentazzjoni u d-dettalji tal-informazzjoni l-oħra li l-manifattur tal-prodott jista' jinkludi fid-dokument bit-tagħrif ewlieni kif imsemmi fil-paragrafu 3, u d-dettalji tal-format komuni u s-simbolu komuni msemmija fil-paragrafu 4.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta **standards tekniċi** skont l-Artikolu 23 li jispeċifikaw id-dettalji dwar il-preżentazzjoni u l-kontenut ta' kull wieħed mill-elementi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-preżentazzjoni u d-dettalji tal-informazzjoni **oġġettiva** l-oħra li l-manifattur tal-prodott jista' jinkludi fid-dokument bit-tagħrif ewlieni kif imsemmi fil-paragrafu 3, u d-dettalji tal-format komuni u s-simbolu komuni msemmija fil-paragrafu 4.

Ix-xenarji tal-prestazzjoni li hemm riferiment għalihom fil-paragrafu 2(e) i iqisu l-impatt tal-ispejjeż matul iż-żmien u jqisu l-prestazzjoni possibbli futura.

L-indikatur jagħmilha ċara li l-potenzjal għall-benefiċċji akbar huwa marbut mat-teħid ta' riskji akbar.

It-twissija li hemm riferiment għaliha fil-paragrafu 2 punt (e) i tkun twissija viżiva msejsa fuq skala ta' riskju, imfassla b'mod li l-investitur jifhem li l-ebda prodott tal-investiment ma huwa ħieles mir-riskju u li ma jistax jaġixxi mingħajr ma jifhem il-prodott tal-investiment jew mingħajr parir personali dwar l-investiment kif ippjanat.

L-indikatur sommarju tar-riskju u tal-premjju u t-twissija dwar ir-riskji jitfasslu biex ir-riskji li jieħdu l-investituri jkun

ċari u paragonabbli bejn il-prodotti.

Il-paragun imsemmi fil-paragrafu 2 punt (e) ii) għandu jiġi mfassal biex jgħin lill-investitur jifhem kif it-teħid tar-riskju akbar ikollu impatt fuq il-benefiċċji tal-prodott ta' investment, u l-valur referenzjarju ħieles mir-riskji, bħalma hu dak tal-kont tat-tifdil, jiġi stabbilit b'mod li jkun jista' jinftehem minn investituri fil-livell ta' konsumatur u ma jżgwidahomx.

L-indikatur f'għamla sommarja tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2(f) għandu juri f'termini monetarji l-impatt tal-ispejjeż fuq dak li l-investitur jista' jikseb lura mill-investment tiegħu matul iż-żmien. Għandu jinkludi ċ-ċifri li jistgħu jintużaw mill-investituri fil-livell ta' konsumatur biex jiġu pparagunati l-prodotti.

Il-Kummissjoni għandha tqis id-divulgazzjonijiet lill-investituri fil-livell ta' konsumatur magħmulin mill-persuna li tbigħ il-prodott ta' investment relatati mal-ispejjeż taħt il-[MiFID] u l-[IMD], biex jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza fl-informazzjoni dwar l-ispejjeż fid-dokument bit-tagħrif ewlieni ma' dawn id-divulgazzjonijiet l-oħra, u li l-informazzjoni hija komprensiva dwar l-ispejjeż u turi biċ-ċar lill-investitur fil-livell ta' konsumatur l-impatt globali li l-ispejjeż jista' jkollhom.

Il-Kummissjoni għandha tqis id-differenzi bejn il-prodotti ta' investment u l-kapaċitajiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur kif ukoll il-karatteristiċi tal-prodotti ta' investment li jippermettu lill-investitur fil-livell ta' konsumatur jagħżel bejn investimenti sottostanti differenti jew għażliet oħra li joffri l-prodott, inkluż fejn din l-għażla tista' sseħħ f'punti taż-żmien differenti, jew fejn tista' tinbidel fil-ġejjieni.

Il-Kummissjoni għandha tqis id-differenzi bejn il-prodotti ta' investment u l-kapaċitajiet tal-investituri fil-livell ta' konsumatur kif ukoll il-karatteristiċi tal-prodotti ta' investment li jippermettu lill-investitur fil-livell ta' konsumatur jagħżel bejn investimenti sottostanti differenti jew għażliet oħra li joffri l-prodott, inkluż fejn din l-għażla tista' sseħħ f'punti taż-żmien differenti, jew fejn tista' tinbidel fil-ġejjieni.

Qabel ma tadotta l-istandards tekniċi, il-Kummissjoni tagħmel it-testing debitu tal-

konsumaturi ħalli tagħżel l-aktar miżuri xierqa għall-konsumaturi.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 8 - paragrafu 6 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għandhom iqisu t-tipi differenti ta' prodotti ta' investiment. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [...].

Emenda

L-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għandhom iqisu t-tipi differenti ta' prodotti ta' investiment. ***L-Awtoritajiet Ewropej ta' Superviżjoni jagħmlu d-debitu testjar tal-konsumatur għad-determinazzjoni tal-aqwa metodoloġija u kalkolu skont (a) u (b) għal investituri fil-livell ta' konsumatur.*** L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [...].

Ġustifikazzjoni

Matul it-tnejniet tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar il-KIID għall-UCITS, sar test kbir b'konsumaturi veri qabel ma ġie adottat it-tifsil aħħari tal-KIID. L-istess metodoloġija għandha tkun adottata meta jitfassal il-KID. It-testjar tal-impatt effikaċi fuq il-konsumaturi tal-KID ippjanat huwa ta' importanza ċentrali għas-suċċess tiegħu, l-aktar fit-tfassil tat-tqassim tal-iżvelar tar-riskji.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta ***l-atti delegati*** skont l-Artikolu 23 li jstabbilixxu regoli dettaljati għall-analiżi tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewlieni u għar-reviżjoni tad-dokument bit-tagħrif ewlieni, fir-rigward ta':

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta ***l-istandards tekniċi*** skont l-Artikolu 23 li jstabbilixxu regoli dettaljati għall-analiżi tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewlieni u għar-reviżjoni tad-dokument bit-tagħrif ewlieni, fir-rigward ta':

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Fejn il-manifattur tal-prodott ta' investiment ikun iproduċa*** dokument bit-tagħrif ewlieni li ma jikkonformax mar-rekwiżiti ***tal-Artikoli 6, 7 u 8*** u li abbażi tiegħu investitur fil-livell ta' konsumatur ikun ħa deċiżjoni ta' investiment, dak l-investitur fil-livell ta' konsumatur jista' jippretendi mingħand il-manifattur tal-prodott ta' investiment kwalunkwe telf ikkawżat ***lil dak l-investitur fil-livell ta' konsumatur minħabba d-dokument bit-tagħrif ewlieni.***

Emenda

1. ***Investitur fil-livell ta' konsumatur li fit-teħid ta' deċiżjoni ta' investiment jibbaża*** fuq dokument bit-tagħrif ewlieni li ma jikkonformax mar-rekwiżiti ***fl-Artikoli 6, 7 u 8*** jista' jippretendi mingħand il-manifattur tal-prodott ta' investiment kwalunkwe telf ***finanzjarju*** kkawżat ***minn nuqqas tal-manifattur tal-prodott ta' investiment li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni jkun preċiż, ġust, ċar u ma jiżgwidax. Għandu jkun konsistenti mal-partijiet relevanti tal-prospectus. Fejn teżisti dokumentazzjoni kontrattwali oħra, id-dokument bit-tagħrif ewlieni jkun konsistenti ma' dawk id-dokumenti.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Meta*** l-investitur fil-livell ta' konsumatur ***juri li*** sofra telf li rriżulta mill-użu tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewlieni, il-manifattur tal-prodott ta' investiment ikollu jipprova li d-dokument bit-tagħrif ewlieni tfassal f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. ***Meta*** l-investitur fil-livell ta' konsumatur ***ikun*** sofra telf li rriżulta mill-użu tal-informazzjoni li fih id-dokument bit-tagħrif ewlieni, il-manifattur tal-prodott ta' investiment ikollu jipprova li d-dokument bit-tagħrif ewlieni tfassal f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-persuna li *tbiegħ* il-prodott ta' investiment lill-investituri fil-livell ta' konsumatur għandha tipprovdilhom id-dokument bit-tagħrif ewlieni f'biżżejjed żmien qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni relatata mal-prodott ta' investiment.

Emenda

1. Il-persuna li *tbiegħ* il-prodott ta' investiment lill-investituri fil-livell ta' konsumatur għandha tipprovdilhom id-dokument bit-tagħrif ewlieni b'mod verifikabbli u qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni relatata mal-prodott ta' investiment ***u żżomm rekord tal-istess, li bih l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-manifattur tal-prodott ta' investiment.***

Meta investiment ikun rakkomandat jew mogħti bħala parir lil klijent, id-dokument bit-tagħrif ewlieni jingħata lill-klijent mingħajr dewmien.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***B'deroga mill-paragrafu 1, persuna li tbigħ prodott ta' investiment tista' tagħti lill-investitur fil-livell ta' konsumatur id-dokument bit-tagħrif ewlieni immedjatament wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni meta:***

(a) l-investitur fil-livell ta' konsumatur jagħżel li jikkonkludi t-tranżazzjoni peremzz ta' mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod meta:

(b) l-għoti tad-dokument bit-tagħrif ewlieni skont il-paragrafu 1 ma jkunx possibbli, u

(c) meta l-persuna li tbigħ il-prodott ta' investiment tkun infurmat lill-investitur

Emenda

imħassar

fil-livell ta' konsumatur dwar dan.

Ġustifikazzjoni

It-tħassib tar-rapporteur hu li minħabba fl-eċċezzjoni proposta għall-kunsill tal-KID qabel ma ssir it-tranżazzjoni fejn it-tranżazzjoni ssir bħala mezz għal komunikazzjoni distanti. Din l-eċċezzjoni toħloq lakuna importanti fir-Regolament tal-KID. Jekk inqisu li l-KID huwa meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni infurmata ta' investment, m'għandux ikun possibbli li jsir investment mingħajr ma wieħed ikollu l-possibbiltà li jaqrah. Li wieħed jaqra l-KID wara l-investment mhix protezzjoni tal-klijent, sakemm il-jedd li wieħed jirtira ma jingħatax bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. B'deroga mill-paragrafu 1 u fejn l-investitur fil-livell ta' konsumatur juża mezz ta' komunikazzjoni b'distanza biex jikkonkludi t-tranżazzjoni, il-persuna li tbigħ il-prodott ta' investment tista' tagħti l-investitur fil-livell ta' konsumatur id-dokument bit-tagħrif ewlieni immedjatament wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni fejn:

(i) l-investitur fil-livell ta' konsumatur ikun talab id-dokument bit-tagħrif ewlieni stampat, u

(ii) id-dokument bit-tagħrif ewlieni jkun ġie pprovdut lill-investitur fil-livell ta' konsumatur fuq mezz durabbli ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 13 paragrafu 2 punt b) qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li tiġi żgurata l-flessibbiltà biex tiġi ffaċilitata l-konklużjoni tat-tranżazzjonijiet fil-mument magħżul mill-investitur fil-livell ta' konsumatur. Il-mezz ta' komunikazzjoni użat m'għandux iwassal biex l-investitur jitlef il-momentum għall-investment. Jekk l-investitur fil-livell ta' konsumatur jixtieq li jkollu l-KID stampat, dan m'għandux iwaqqfu milli jikkonkludi t-tranżazzjoni sakemm il-KID jiġi pprovdut permezz ta' mezz elettroniċi oħra qabel ma tiġi

konkluża t-tranżazzjoni.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta jitwettqu tranżazzjonijiet suċċessivi fir-rigward l-istess prodott ta' investiment f'isem l-investitur fil-livell ta' konsumatur skont l-istruzzjonijiet mogħtija minn dak l-investitur lill-persuna li qed *tbiegħ* il-prodott ta' investiment qabel l-ewwel tranżazzjoni, l-obbligu li jiġi pprovdut id-dokument bit-tagħrif ewlieni skont il-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-ewwel tranżazzjoni.

Emenda

3. Meta jitwettqu tranżazzjonijiet suċċessivi fir-rigward l-istess prodott ta' investiment f'isem l-investitur fil-livell ta' konsumatur skont l-istruzzjonijiet mogħtija minn dak l-investitur lill-persuna li qed *tbigħ* il-prodott ta' investiment qabel l-ewwel tranżazzjoni, l-obbligu li jiġi pprovdut id-dokument bit-tagħrif ewlieni skont il-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-ewwel tranżazzjoni ***sakemm id-dokument bit-tagħrif ewlieni ma jkunx ġie aġġornat jew ma jkunux għaddew aktar minn sitt xhur mill-ewwel tranżazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

Jekk ikun għadda żmien twil mill-ġhoti tal-KID jew jekk ikun hemm aġġornament tal-KID, l-ewwel ġhoti tal-KID ma għandux jitqies biżżejjed għal aktar tranżazzjonijiet.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. *Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati* skont l-Artikolu 23 li jispeċifikaw:

Emenda

4. ***L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet Okkupazzjonali (EIOPA), u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) jiżviluppaw konġuntament flimkien abbozz ta' standards tekniċi skont l-Artikolu 23 li jkunu jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għas-sodisfaċiment tar-rekwiżit li jingħata d-dokument ta' tagħrif ewlieni b'mod tempestiv kif preskritt fil-paragrafu 1.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati. Ristrutturar tat-test wara t-tħassir tal-paragrafu 2 u l-punt (b) f'dan il-paragrafu.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-metodu u l-limitu ta' żmien biex jingħata d-dokument bit-tagħrif ewlieni skont il-paragrafu 2.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Tħassir f'konformità mat-tħassir tal-paragrafu 2.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Huma mogħtija setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament Nru 1094/2010, u l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 13 paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-persuna li tbigħ il-prodott ta' investiment għandha ttiprovdi d-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur mingħajr ħlas.

Emenda

1. Il-persuna li tbigħ il-prodott ta' investiment għandha ttiprovdi d-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investituri fil-livell ta' konsumatur mingħajr ħlas. ***Il-persuna għandha tkun f'pożizzjoni li ttiprova li d-dokument bit-tagħrif ewlieni ngħata skont it-termini ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-persuna li *tbiegħ* prodott ta' investiment għandha ttiprovdi d-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investitur fil-livell ta' konsumatur b'wieħed mill-mezzi li ġejjin:

Emenda

2. Il-persuna li ***tagħti parir jew tbigħ*** prodott ta' investiment għandha ttiprovdi d-dokument bit-tagħrif ewlieni lill-investitur fil-livell ta' konsumatur b'wieħed mill-mezzi li ġejjin ***li huma aċċessibbli lill-investitur fil-livell ta' konsumatur ikkonċernat.***

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Madnakollu, meta d-dokument bit-tagħrif ewlieni jiġi pprovdut bl-użu ta' mezz durabbli għajr dak stampat jew permezz ta' websajt, għandha tingħata kopja stampata lill-investituri fil-livell ta' konsumatur fuq talba u mingħajr ħlas.

Emenda

3. Madnakollu, meta d-dokument bit-tagħrif ewlieni jiġi pprovdut bl-użu ta' mezz durabbli għajr dak stampat jew permezz ta' websajt, għandha tingħata kopja stampata lill-investituri fil-livell ta' konsumatur fuq talba u mingħajr ħlas. ***Tingħata mingħajr ħlas kopja kartacea meta r-rakkomandazzjoni ta' investiment jew is-servizz ta' intermedjazzjoni jingħata personalment (wiċċ imbwiċċ).***

Ġustifikazzjoni

Kif jippreskrivi l-Artikolu 12(1), il-KID għandu jingħata fiż-żmien xieraq qabel il-konklużjoni ta' tranżazzjoni marbuta mal-prodott ta' investiment (ara l-Art. 12(1)). Meta r-rakkomandazzjoni għal investiment tingħata personalment (wiċċ imbwiċċ), jew meta l-ordni għall-investiment jingħata personalment, ngħidu aħna l-bank jew fl-uffiċċju ta' intermedjarju, il-KID irid jingħata fil-forma kartacea.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-manifattur tal-prodott ta' investiment **għandu jistabbilixxi** proċeduri u arranġamenti xierqa li jiżguraw li l-investituri fil-livell ta' konsumatur li jkunu ssottomettew ilment fir-rigward tad-dokument bit-tagħrif ewlieni jirċievu tweġiba sostantiva fil-waqt u b'mod xieraq.

Emenda

Il-manifattur tal-prodott ta' investiment **u l-persuna li tbigħ il-prodott ta' investiment għandhom jistabbilixxu** proċeduri u arranġamenti xierqa li jiżguraw li:

(i) l-investituri fil-livell ta' konsumatur ikollhom mod effettiv kif jissottomettu lment kontra l-manifattur tal-prodott ta' investiment;

(ii) l-investituri fil-livell ta' konsumatur li jkunu ssottomettew ilment fir-rigward tad-dokument bit-tagħrif ewlieni jirċievu tweġiba sostantiva fil-waqt u b'mod xieraq;
u

(iii) proċeduri effettivi ta' rimedju jkunu disponibbli wkoll għall-investituri fil-livell ta' konsumatur fil-każ ta' tilwim transkonfinali, b'mod partikolari meta l-manifattur tal-prodott ta' investiment jkun jinsab fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn investitur fil-livell ta' konsumatur jibda proċedura ta' riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwima skont il-liġi nazzjonali kontra manifattur ta' prodott ta' investiment jew persuna li *tbiegħ* prodotti ta' investiment fir-rigward ta' tilwima dwar ***id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti taħt dan ir-Regolament***, il-manifattur tal-prodott ta' investiment jew il-persuna li *tbiegħ* il-prodott ta' investiment għandha tipparteċipa f'dik il-proċedura, sakemm tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-proċedura tirriżulta f'deċiżjonijiet li *mhumix* vinkolanti;
- (b) il-perjodu ta' limitazzjoni biex it-tilwima tinġieb quddiem qorti jkun sospiż għat-tul tal-proċedura għal riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim;
- (c) il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-pretensjoni jkun sospiż għat-tul tal-proċedura;
- (d) il-proċedura tkun mingħajr ħlas jew ***bi spiża moderata, kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali***;
- (e) *mezzi elettroniċi ma jkunx l-uniċi mezzi li bih il-partijiet jistgħu jiksbu aċċess għall-proċedura*;
- (f) *f'każijiet eċċezzjonali meta l-urġenza tas-sitwazzjoni teħtieġ hekk ikunu possibbli miżuri interim*.

Emenda

1. ***L-Istati Membri jiżguraw li*** fejn investitur fil-livell ta' konsumatur jibda proċedura ta' riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwima skont il-liġi nazzjonali kontra manifattur ta' prodott ta' investiment jew persuna li *tbigħ* prodotti ta' investiment fir-rigward ta' tilwima dwar ***id-dokument bit-tagħrif ewlieni u l-prodotti ta' investiment relattivi***, il-manifattur tal-prodott ta' investiment jew il-persuna li *tbigħ* il-prodott ta' investiment għandha tipparteċipa f'dik il-proċedura, ***skont ir-regoli preskritti fid-Direttiva [...] dwar ir-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim u*** sakemm tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-proċedura tirriżulta f'deċiżjonijiet li ***jistgħu jkunu*** vinkolanti ***għall-manifattur u l-persuna li tbigħ il-prodotti ta' investiment***;
- (b) il-perjodu ta' limitazzjoni biex it-tilwima tinġieb quddiem qorti jkun sospiż għat-tul tal-proċedura għal riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim;
- (c) il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-pretensjoni jkun sospiż għat-tul tal-proċedura;
- (d) il-proċedura tkun mingħajr ħlas jew ***disponibbli bi ħlas nominali***;

Ia ġdid. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-entitajiet għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim ikollhom permess li jistabbilixxu limiti monetarji speċifikati minn qabel sabiex jiġi limitat l-aċċess għall-proċeduri ta' riżoluzzjoni alternattiva ta'

tilwim, il-limiti m'għandhomx jiġu stabbiliti f'livell, fejn ifixklu b'mod sinifikanti l-aċċess tal-konsumaturi għall-immaniġġjar tal-ilmenti minn entitajiet għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-entitajiet bil-kompetenza li jittrattaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 sa [daħħal data konkreta ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ/l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil sussegwenti li jikkonċerna dawk l-entitajiet.

3. Entitajiet bil-kompetenza li jittrattaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw ma' xulxin fir-riżoluzzjoni ta' tilwim transfruntier li jirriżulta taħt dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-entitajiet bil-kompetenza li jittrattaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 sa [daħħal data konkreta ta' sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ/l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil sussegwenti li jikkonċerna dawk l-entitajiet.

3. Entitajiet bil-kompetenza li jittrattaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw ma' xulxin fir-riżoluzzjoni ta' tilwim transfruntier li jirriżulta taħt dan ir-Regolament.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Informazzjoni dwar ir-riżoluzzjonijiet alternattivi tat-tilwim

15 a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifattur tal-prodott ta' investiment jew il-persuna li tbigħ il-prodott ta' investiment jinformaw lill-investitur fil-livell ta' konsumatur dwar l-entitajiet għar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim li huma koperti minnhom u li huma kompetenti biex jittrattaw tilwim potenzjali bejniethom u l-investitur fil-livell ta' konsumatur. Għandhom jispeċifikaw ukoll jekk jikkommettux ruħhom jew humiex obbligati li jużaw dawn l-entitajiet biex isolvu t-tilwim ma' investituri fil-livell ta' konsumatur jew le.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata b'mod ċar,

li jinftiehem u li jkun faċilment aċċessibbli fil-websajt tan-negozjanti, jekk dan ikun jeżisti u jekk ikun applikabbli fit-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' bejgħ jew tas-servizzi bejn in-negozjant u l-konsumatur.

3. L-Istati Membri jiżguraw li, fil-każijiet fejn tilwima bejn investitur fil-livell ta' konsumatur u l-manifattur tal-prodott ta' investiment jew il-persuna li tbigħ prodott ta' investiment fit-territorju tagħhom ma setgħetx tiġi riżolta wara lment ippreżentat direttament mill-investitur fil-livell ta' konsumatur jew il-persuna li tbigħ il-prodott ta' investiment, dawn tal-aħħar jipprovdu lill-investitur fil-livell ta' konsumatur l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, li tispeċifika jekk hux se jagħmel użu mill-entitajiet rilevanti għar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim biex isolvu t-tilwima. Din l-informazzjoni għandha tiġi stampata jew ipprovduta fuq mezz durabbli ieħor.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 15b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Riżoluzzjonijiet alternattivi kollettivi ta' tilwim

L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu proċeduri għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim li jittrattaw b'mod konġunt kwistjonijiet identiċi jew simili bejn manifattur u persuna li tbigħ prodotti ta' investiment u diversi investituri fil-livell ta' konsumatur. Is-sistemi ta' riżoluzzjonijiet alternattivi tat-tilwim għal tilwimiet u rimedji kemm individwali kif ukoll kollettivi huma komplementari u mhux proċeduri reċiprokament esklussivi.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) twissija, li ssir pubblika u li tidentifika l-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur;

Emenda

(c) twissija, li ssir pubblika u li tidentifika l-persuna **ġuridika** responsabbli u n-natura tal-ksur;

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sanzjonijiet u l-miżuri imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 19(1) għandhom jiġu ddivulgati lill-pubbliku mingħajr dewmien żejjed inkluż mill-inqas l-informazzjoni dwar it-tip tal-ksur ta' dan ir-Regolament u l-identità ta' dawk responsabbli għalih, **sakemm din id-divulgazzjoni ma tipperikolax b'mod serju s-swieq finanzjarji.**

Fejn publikazzjoni tikkawża ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw is-sanzjonijiet fuq bażi anonima.

Emenda

1. Is-sanzjonijiet u l-miżuri imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 19(1) għandhom jiġu ddivulgati lill-pubbliku mingħajr dewmien żejjed inkluż mill-inqas l-informazzjoni dwar it-tip tal-ksur ta' dan ir-Regolament u l-identità ta' dawk responsabbli għalih.

Ġustifikazzjoni

L-eċċezzjonijiet għall-publikazzjoni tas-sanzjonijiet għandhom jitneħħew. Il-vjolazzjonijiet imsemmijin fl-Art. 19(1) ma humiex ta' tali natura li l-publikazzjoni tagħhom tista' tqiegħed f'periklu serju s-swieq finanzjarji. Sakemm l-ismijiet tal-emittenti jew tal-intermedjarji kkundannati ma jsirux pubbliċi, qatt ma jkun hemm effett ta' deterrent li jipprevjeni l-prattiki illegali, u t-tweġġ ta' reati dejjem ikun vantaġġuż.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' **atti delegati** hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Emenda

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' **standards tekniċi** hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' **atti delegati** msemija fl-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' [4 snin] mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' **standards tekniċi** msemija fl-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' [4 snin] mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda **att delegat** li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda **standard tekniku** li jkun diġà fis-seħħ.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Hekk kif tadotta **att delegat**, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

4. Hekk kif tadotta **standards tekniċi**, il-Kummissjoni għandha tinnotifikahom simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. **Att iddelegat** adottat skont l-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) għandhom jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

5. **Standard tekniku** adottat skont l-Artikoli 8(5), 10(2) u 12(4) għandhom jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà xierqa u sabiex l-industrija u l-ASEs ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi fis-suq, it-tliet ASEs għandhom kollettivament ifasslu standards tekniċi regolatorji konġunti aktar milli l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta Stat Membru japplika r-regoli dwar il-format u l-kontenut tad-dokument bit-tagħrif ewlieni, kif stabbilit fl-Artikoli 78 sa 81 tad-Direttiva 2009/65/KE, għall-fondi mhux UCITS offruti lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kumpaniji tal-immaniġġjar, kumpaniji tal-investment u persuni li jbigħu jew jagħtu pariri dwar l-unitajiet ta' fondi bħal dawn lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jitħallew jaċċettaw fondi mhux UCITS li fil-livell nazzjonali qed jiġu soġġetti attwalment għar-rekwiżiti tal-informazzjoni ewlenija għall-investitur kif ifformulati fid-Direttiva UCITS 4, u għandhom jiġu koperti wkoll mill-perjodu tranżitorju. Dan għandu jikkontribwixxi fit-trawwim ta' kundizzjonijiet ekwi fost il-prodotti ta' investment.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kumpaniji maniġerjali u l-kumpaniji tal-investment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE, u l-persuni li jbigħu unitajiet ta' AIFs kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) ta' dik id-Direttiva, huma eżenti mill-obbligi f'dan ir-Regolament sakemm jipprovdu dokument bit-tagħrif ewlieni għall-investituri skont il-liġi nazzjonali b'konformità mal-Artikolu 78 tad-Direttiva 2009/65/KE jew id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, sa [ĠU. jekk jogħġbok daħħal id-data 5 snin wara d-dħul fis-seħħ].

Ġustifikazzjoni

Ħafna Stati Membri estendew l-istandards tal-KIID għall-UCITS għal fondi miftuħa oħra tal-investment fil-livell ta' konsumatur irregolati fil-livell nazzjonali. Dawk il-fondi għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-eżenzjoni temporanja mill-kamp ta' applikazzjoni peress li investituri f'dawk il-fondi jkunu għadhom kemm ġew infurmati bid-dokument il-ġdid u l-AIFMs diġà kellhom ibatu l-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-KIID l-istess mod bħall-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-UCITS.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ

1. Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ

ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament. L-analiżi għandha tinkludi sħarriġ ġenerali dwar l-applikazzjoni Prattika tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u tqies l-iżviluppi fis-swieq għall-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi. Fir-rigward tal-UCITS kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE, l-analiżi għandha tivvaluta jekk l-arranġamenti tranżizzjonali skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament għandhomx jiġu mtawwla, jew jekk, wara l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe aġġustament meħtieġ, id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħrif ewlieni għall-investitur fid-Direttiva 2009/65/KE jistgħu jiġu mibdula minn jew meqjusa ekwivalenti għad-dokument bit-tagħrif ewlieni għall-investitur skont dan ir-Regolament. L-analiżi għandha wkoll tirrifletti fuq il-possibbiltà ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal prodotti finanzjarji oħra.

ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament. L-analiżi għandha tinkludi sħarriġ ġenerali dwar l-applikazzjoni Prattika tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u tqies l-iżviluppi fis-swieq għall-prodotti ta' investiment għall-konsumaturi. Fir-rigward tal-UCITS kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE, l-analiżi għandha tivvaluta jekk l-arranġamenti tranżizzjonali skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament għandhomx jiġu mtawwla, jew jekk, wara l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe aġġustament meħtieġ, id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħrif ewlieni għall-investitur fid-Direttiva 2009/65/KE jistgħu jiġu mibdula minn jew meqjusa ekwivalenti għad-dokument bit-tagħrif ewlieni għall-investitur skont dan ir-Regolament. L-analiżi għandha wkoll tirrifletti fuq il-possibbiltà ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal prodotti finanzjarji oħra, ***inklużi dawk li jinkwadraw ruħhom fid-Direttiva 2003/71/KE u kull prodott ieħor ta' investiment u ta' tfaddil.***

Ġustifikazzjoni

Il-klawżola ta' reviżjoni ta' dan ir-regolament għandha tinkludi wkoll ir-reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal prodotti oħra finanzjarji għall-konsumaturi, inklużi investimenti "mhux aggregati" u kull forma ta' prodott ta' tfaddil.

PROĊEDURA

Titolu	Id-dokumenti bit-tagħrif ewlieni għall-prodotti ta' investiment		
Referenzi	COM(2012)0352 – C7-0179/2012 – 2012/0169(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-taħbir fis-seduta plenarja	ECON 11.9.2012		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-taħbir fis-seduta plenarja	IMCO 13.12.2012		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Pier Antonio Panzeri 18.9.2012		
Eżami fil-kumitat	10.1.2013	20.2.2013	11.4.2013
Data tal-adozzjoni	25.4.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	34 1 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adam Bielan, Preslav Borissov, Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Thomas Händel, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Toine Manders, Franz Obermayr, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Bernadette Vergnaud		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ashley Fox, Ildikó Gáll-Pelcz, Anna Hedh, Constance Le Grip, Morten Løkkegaard, Pier Antonio Panzeri, Patricia van der Kammen, Kerstin Westphal		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Seán Kelly, Paul Rübige		